**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 686/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**vs**
**Vasilica Tiberiu Ciubotaru**

**Illum 27 t'Ottubru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Vasilica Tiberiu Ciubotaru, detentur tal-karta tal-identita' 79765(A).

Akkuzat talli fit-23 ta' Ottubru 2018, f'dawn il-Gzejjer, hebb ghal hu l-mara tieghu Ilie Sebastian u kkagunalu offiza ta' natura hafifa u dan bi ksur tal-Artikoli 221(1) u 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll il-provvedimenti tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tan-nies hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 27 t'Ottubru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' fedina penali mmarkata bhala Dok JB1, *case summary* tal-Isptar Mater Dei mmarkat bhala Dok JB2, *CD audio-visual* tal-istqarrija tal-imputat mmarkata bhala Dok JB3 u passaport tal-imputat mmarkat bhala Dok JB4.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 221(1) u 222(1), 383, 384, 385, 412C u 422 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li semghet x'wassal ghal dan l-incident u wara li semghet lill-prosekuzzjoni tikkonferma li l-imputat ikkopera bis-shih maghha, u wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat, fuq ammissjoni, cara u inekwivoka tieghu stess, qed issibu hati tal-**

**tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, u qed tapplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien sena mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**